KUNSILL LOKALI KALKARA
KALKARA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

**Laqgħa Nru. 7/2016**

Data: 23 ta' Gunju 2016

Ħin: 2:00 p.m.

Post: Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti:
***Speranza Chircop*** *– Sindku*
***Christopher Bruno*** *– Viċi Sindku*
***Maria Sultana*** *– Kunsilliera*
***Paul Bongailas*** *– Kunsillier*
***Vincent Bongailas*** *- Kunsillier*
***Elaine Caruana*** *– Segretarju Eżekuttiv*

Assenti: *Michaela Noelene Zammit – Ambaxxatrici*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

**Minuti - 7/2016**

## 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultaijiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Mejju 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas

## 2 Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Punt 2.2 mis-seduta 6.16 – Is-Sur Pawlu Bongailas ippreżenta ritratti fuq sinjali ta' parkeġġi ġodda fil-bidu ta' Triq Rinella bħala eżempju fejn fis-Seduta preċedenti kien ġie deċiż li fejn iż-'Zebra Crossing' ta' Triq il-Luqqata ma jistgħux isiru parkeġġi minħabba is- sinjali li jimmarkaw li ġejja 'Zebra Crossing' fl-istess post.

Il-Kunsill iddeċieda illi tintbgħat email lill-Transport Malta għal gwida bħas soltu għar rigward immarkar ta' parkeġġi viċin iż-'Zebra Cross' bħal ma hemm fi Triq Rinella.

Is-Seg. Eżek. kellha tiċċekja wkoll minn min saru dawn il-parkeġġi ġodda fi Triq Rinella wara li ikkonfermat illi il-ħaddiema tal-Kunsill żgur li ma kinux huma.

## 3 Korrispondenza

3.1 Is-Seg. Eżek. ippreżentat ittra li rċieva il-Kunsill mingħand resident jilmenta / jissuġerixxi rigward nuqqas ta' sinjali / tabelli viċin Triq il-Progress. L-ittra inqrat fid-dettal quddiem il-Kunsill fejn ġie milħuq qbil unanimu mill- Kunsilliera biex din l-ittra tintbgħat lil TM għal gwida professjonali biex il-Kunsill ikun jista jżid il-marki fit-Triq, kif ukoll tabelli kif inhu suppost u jitnaqqas il-periklu li dan il-persuna spjega ċar fl-ittra tiegħu.

Ukoll ser tkun qed tintbgħat tweġiba formali lil l-istess persuna li kiteb l-ittra.

3.2 Is-Seg. Eżek. Infurmat il-Kunsill dwar ilment minn residenti li joqgħodu fi Triq Santu Rokku rigward lanterni li għandhom bżonn jinbidlu għaliex antiki u bilkemm qed joħroġ dawl minnhom minħabba li skuraw bl-elementi ta' xemx u xita.

3.3 Is-Seg. Eżek. ippreżentat talba mingħand resident li għandha bżonn 'No objection' kif ukoll sinjali ta' 'No Parking' biex jitpoġġew 'Mobile Toilets' kif ukoll jipparkjaw trakkijiet tal- 'Catering' għal attivita' li ser issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju fil-bitħa tal-Mużew.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament illi għandhom jinħarġu il-permessi kollha meħtieġa għal l-affarijiet li 'ntalbu.

3.4 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill rigward talba mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn qed jitolbu li jqattaw trinka f'nofs is-'Central Strip' li hemm f'Misraħ Arċisqof Gonzi minħabba l-armar tal-Festa.

Il-Kunsill qabel mas-Seg. Eżek. fejn ġie spjegat illi permessi bħal dawn ma jinħarġux mill-Kunsill imma minn TM kif suppost.

3.5 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand resident li talab li titwaħħal bollard fil kantuniera tar- residenza tiegħu minħabba illi mhux l-ewwel darba li xi trakk irriversja bis- saħħa u jolqot il-kantuniera tad-dar tiegħu.

Is-Seg. Eżek. ippreżentat ukoll xi ritratti bħala prova tal-punt imsemmi hawn fuq

Il-Kunsill qabel unanimament dwar it-twaħħil ta' 'bollard' fil- kantuniera imsemmija mir-resident stess.

3.6 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar attivita' li ser issir minn naħa tal- Kunsill tal-arti fil- Kalkara (ix-Xatt) fit 12 ta' Lulju 2016 fis-7:30 pm. Bl-isem 'B' tal-linja jaqbillek '

Is-Seg.Eżek spjegat illi l-arranġamenti kienu diġa saru minn naħa tagħha flimkien mal-Għaqda Mużikali San Ġużepp minħabba li dak inhar hemm skedat marċ tal-Festa kif ukoll saru arranġamenti mall-Kappillan minħabba illi ftit tal-ħin qabel ma tibda din l-attivita' hemm purċissjoni tat-tfal.

3.7 Is-Seg.Eżek. ippreżentat email mibgħuta lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill.
Hija ukoll għamlet enfażi ċara fuq paragrafu miktub fl-istess email rigward illi l-Kunsill ma jistax jagħmel impenji aktar barra kuntratti bażiċi li l- Kunsill huwa obbligat jagħmel skond il-liġi.

3.8 Is-Seg.Eżek. ippreżentat email b'talba mingħand il-Każin Sagra Familja biex jitwaħħlu 'bollards' temporanji għal żmien il-Festa fil-kantuniera ta' Triq is-Sienja ma' Triq Rnella minhabba li din is-sena ser tkun qed tintrama kanolla ġdida f'dawn l-inħawi biex b'hekk dawn il-'bollards' jipproteġu mill-karozzi li jkunu ħerġin minn Triq is-Sienja neżlin lejn Triq Rnella.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jitwaħħlu dawn il-'bollards' li qed jiġu mitluba mill-Każin Sagra Familja.

3.9 Is-Seg.Eżek. ippreżentat email kif ukoll ritratti immarkati mingħand persuna li xtrat dar fi Triq San Mikiel fejn din ta' l-aħħar għandha bżonn permessi biex ikun jista jaħdem f'din id-dar.
Il-permessi li qed jitlob huma biex ikun jista jidħol lifter fil-pjazzetta ta' Triq San Mikiel. Biex dan ikun jista jinżamm fuq il-post għal għoxrin ġurnata. Biex il- lifter jidħol irid jinqala il-puġġaman li hemm fuq il-post u jerġa jintrama mill-istess persuna li għandhu bżonn dawn il- permessi.

Il-Kunsilliera saħqu illi dawn il- permessi għandhom jinħarġu wara is-17 ta' Lulju 2016 kif ukoll għandhom isiru barrikati bħala sigurta flok il-puġġaman.

Ir-residenti tal-inħawi jridu jiġu 'nfurmati b'ittra formali speċjalment dawk li għandhom parkeġġ riservat għalijhom approvat minn TM.

Għandu ikun hemm aċċess għar- residenti tal-inħawi kif ukoll aċċess għal ambulanza f'każ t'emerġenza.

3.10 Is-Seg.Eżek. ippreżentat u spjegat ftehim bejn il-kumpanijja 'District Operations Limited' li tħaddem il-ħaddiema li fil- passat kienu jissejħu ħaddiema tal-ETC. Dan il-ftehim ġie milħuq bejn din l-istess kumpanija, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal- Kunsilli Lokali fejn dan il-ftehim jgħid fiċ-ċar illi l-Kunsill huwa fl-obbligu jgħati 'Performance Bonus' lill kull ħaddiem li għandu miegħu fil-preżent.

Fl-eventwalita' li l-Kunsill ma jiffirmax dan il-ftehim jittiħdulu il-ħaddiema li għandu bħalissa allokati ma l-istess Kunsill.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi filwaqt li dan il 'Perfomrance Bonus' huwa ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill, il-ħaddiema li hawn allokati mal-Kunsill Lokali Kalkara għandhom kollha xogħol speċifiku u bżonnjuż fi ħdan il-Kunsill speċjalment tnejn minn tlieta li kuljum inaddfu il-latrina tax-Xatt sas-1:30pm

Il-Kunsill iddiskuta u saħaq illi l- 'Performance Bonus' ta' dawn it-tliett ħaddiema ser ikun ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill speċjalment wara li l-istess Seg.Eżek. ippreżentat l-email mid-Dipartiment fuq l-iżbilanċ finanzjarju (punt 3.6) kif ukoll għal fatt li l-istess Seg. Eżek. kienet infurzat tneħħija ta' attivitajiet li kienu qed ikunu ta' piż fuq il-Kunsill imtellgħin minn Kunsilliera stess.

Il-Kunsill qabel li jiffirma dan il-ftehim bil patt u l- kundizzjoni li jintbgħat ħaddiem / ħaddiema wieħed bit-titlu ta' 'Cleaner' biex b'hekk ikun jista jnaddaf l-Uffiċini tal-lokal kif ukoll il-latrina tax- Xatt.

Jekk dan iseħħ il- Kunsill ser ikollu jwaqqaf il-'Cleaner li tnaddaf l-Uffiċini tal-Kunsill fil- preżent minħabba raġunijiet ovvji.

3.11 Is-Seg. Eżek. preżentat email mibgħuta minn 'Electrowaste Ltd'. Fejn dawn ta' l-aħħar qed jipproponu / jissuġerixxu li jitpoġġa bin tar- riċiklaġġ ta' ħwejjeġ fil-lokal tal-Kalkara.

Intwera ritratt ta' dan l-istess bin imsemmi hawn fuq lill-Kunsilliera preżenti.

Il-Kunsill oġġezzjona rigward dan is- suġġet għal fatt li l-bin huwa wieħed goff u li m'hawnx post addattat fil-lokal fejn jitpoġġa mingħajr ma jdejjaq il-ħadd kif ukoll minħabba illi sfortunatament jaf jintuża mhux għat- twaddib tal-ħwejjeġ biss imma jista jkun jiġi utilizzat għal affarijiet oħra.

3.12 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fir- rigward t'attivita' li ser issir fit-12 ta' Awwissu 'Bachelors Party' fil-bajja ta' Rnella bil-patt u il- kundizzjoni li jsir tindif mill-persuna stess ta' l-inħawi użati, mużika għandha tintefa fil-11:00pm kif ukoll

għandha tintuża  l-inħawi biss tal- konkos wara il- bolloards li hemm f'dawn l-inħawi u mhux il-parti tar- ramel.

3.13 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni rigward attivita' li ser issir mill-iscouts ta' Stella Maris College li tinkludi binja ta raft mill-membri ta' dan il-grupp kif ukoll li tintefa il- baħar mill-bajja ta' Rinella (bil permessi ta' TM)

Il-Kunsill oġġezjona fuq il- parti li dan l-istess grupp jikkampja fuq ir-ramel kif qed jiġi mitlub fl-email formali tagħhom, minħabba  illi l- Kunsill mhux jgħati permessi lil ħadd fir-rigward ta' campings fuq il- bajja u qiegħed jaħdem fuq 'byelaw' biex tiġi inforzata din il-liġi.

Il-Kunsilliera stess issuġerew illi dan il-grupp jista jikkampja ġewwa il-premises ta' l-iscouts li qegħdin viċin ħafna l-istess bajja fejn ser ikunu qegħdin jaħdmu fuq iċ-ċattra l-istess grupp.

3.14 Is-Seg. Eżek. ippreżentat email rigward id- devoluzzjoni ta' biċċa art li fil-passat l-istess Kunsill kien applika għad devoluzzjoni tagħha biex b'hekk jinbena Ċentru Ċiviku.
Hija spjegat illi biex din il-biċċa art tiġi devoluta lill- Kunsill wieħed għandu jdaħħal il-permessi il-MEPA skond il-liġi bl-għajnuna tal-Perit, li dawn ikollhom data ta' skandenza li ħabba raġunijiet ovji il-Kunsill attwali mhuwiex f'pożizzjoni li jibni dan iċ-Ċentru Ċiviku.

Il-Kunsill qabel unanimament li hu għadu fil-ħsieb ta' dan iċ-Ċentru Ċiviku għal benefiċċju tar- residenti tal-lokal, pero' ikkonċernat rigward il-finanzi biex jinbena.
Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom isiru laqgħat  formali mal-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kif ukoll mal-Onorevoli Minitru Joe Mizzi biex forsi jkunu jistgħu jgħinu minn naħa tagħhom rigward dan iċ-Ċentru Ċiviku imsemmi hawn fuq.

3.15 Il-Kunsill iddeċieda illi l-iskips li hemm ix-Xatt viċin il-bandli għandhom jibqgħu fejn qegħdin wara li s-Seg. Eżek. kienet ippreżentat ilment li sar minn fuq il-paġna ta' 'Facebook' tal-Kunsill stess. Din il- persuna kienet qed tisħaq li dawn l-iskips mhumiex ta' iġene fejn il-bandli.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn l-iskips qegħdin il-bogħod mill-bandli fejn jilgħabu it-tfal dan għaliex fil verita qegħdin kompletament impoġġija barra il-bandli mat-Triq.

3.16 Is-Seg. Eżek. talbet il-Kunsill jibgħat il-konferma fuq id-dokument tal- 'Bye Law' li kienet bgħatet aktar kmieni dan ix-xahar biex b'hekk tkun tista tipproċedi bil- proċessi neċessarji biex din il-'Bye Law' tidħol fis-seħħ.

Il-Kunsilliera ser ikuu qed jatu rosposta fuq dan id dokument sa mhux aktar tarrd mit 30 ta' Gunju 2016 kif gie miftejim fdin is seduta.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku għarrfet il-Kunsill dwar konferenza li attendiet ġewwa Praga aktar kmieni fix-Xahar ta' Ġunju rigward 'Climate Change'.
Hija spjegat illi kienet konferenza informattiva ħafna b'ideat ġodda minn pajjiżi differenti li wieħed jista jieħu konsiderazzjoni għal lokal tal-Kalkara.

Ser tkun qed tintbgħat il-preżentazzjoni ippreparata mis-Sindku lill-Kunsiliera kollha għal fini ta' informazzjoni. Din l-istess preżentazzjoni ġiet mgħotija mis-Sindku waqt l-istess konferenza.

4.2. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar l-attivita' li ser issir nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu għal karita bħal kull sena.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar id- draft tal-programm li kien qiegħed isir bl-għajnuna tal-amministrazzjoni tal-koordinatur tal- attivita' kif ukoll minn nies li jaħdmu f'isem Puttinu Cares.

Is-Sindku talbet ukoll illi min ikun jaf b'xi helpers / voluntiera li jistgħu jgħatu daqqa t'id waqt l-attivita' jgħaddula id-dettalji tagħhom mill iktar fiss possibli biex b'hekk tiġi organizzata laqgħa bin-nies kollha involuti f'din l-attivita' bħala ko-ordinament.

Ġie ssuġerit ukoll mill-Kunsilliera biex toħroġ sejħa għal 'Helpers' fuq il-paġna ta' 'Facebook' tal-Kunsill kif ukoll jiġi nfurmati il-Kappillan u l- Gwardjan tal-Patrijiet Kapuċċini.

**5 Komunikazzjoni tal-Kunsillieri – Is-Sur Chistopher Bruno, Viċi Sindku**

5.1 Is-Sur Bruno ressaq ilment rigward l-ilma qiegħed li qed ikun hemm quddiem 'David's Bakery' f'Misraħ Arċisqof Gonzi li qed joħroġ mill-arja kundizzjonata ta' l-istess ħanut.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi il-Pulizija huma diġa nfurmati u kellmuh. Ser tkun qed terġa tagħmel rapport għal darb' oħra rigward din il-problema.

5.2 Is-Sur Bruno għarraf il-Kunsill dwar żewġ arbli mgħawġin tal-Każin Sagra Familja fi Triq Melchior De Robles biex jiġu f'posthom minħabba li kien qed jinħoloq inkonvenjent għal karozzi li jgħaddu minn dawn l-inħawi.

5.3 Is-Sur Bruno talab lill-Kunsill biex jerġa jintbgħat ilment lill-Pulizija fuq iċ-ċint li diġa ġie irranġat mis-sid fi Triq Strau benzee, minħabba illi iċ-ċint ma ġiex imkaħħal kif suppost u li xi nies kienu qed jieħdu il- knatan minnu. Apparti minn hekk hemm knatan imwaddbin wara iċ-ċint li jistgħu jaqgħu fuq xi ħadd minħabba li qegħdin il fuq.

5.4. Is-Sur Bruno għadda ilment dwar ħofra li hemm fi Pjazza Sagra Familja. Huwa saħaq illi din il-ħofra baqgħet hemm wara li kienet tneħħit konka tal-ġebel fil- passat.

**5b. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri- Maria Sultana - Kunsilliera**

5.1b Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg. Eżek. tieħu ħsieb li tinżabar il- palma tax-Xatt li hemm fejn l-istage kif ukoll tindifa tajba il- bankina ta' l-istess inħawi.

5.2b Is-Sinjura Sultana saħqet li hemm bżonn isir rapport formali lill-Puluzija rigward illi qed ikun hemm ġuvintur il- bandli jittalbu il-flus kif ukoll jitolbu lin-nies lift sa Bormla (bejn is-7:00pm sa 10:00pm) kif ukoll hemm bżonn illi titieħed azzjoni mill-Pulizija stess ma ġuvintur / tfal li jkunu qegħdin jilgħabu bil- ballun / isuqu ir-roti fil-bandli fejn hemm jidhru tabelli ċari li f'dawn l-inħawi huma projbiti dawn il-logħob imsemmi hawn fuq.
Qed ikun hemm ħafna lmenti ta' nies fejn il-ballun ġieli ġie f' 'pushchairs' bit-trabi fihom.
Fl-istess rapport wieħed għandu jinkludi il- problema ta' parkeġġ ħażin fl-inħawi tax-Xatt.

5.3b Is-Sinjura Sultana infurmat il- Kunsill dwar 'Revision Course' li ser ikun qiegħed jibda fit-tieni ġimgħa ta' Lulju għat-tfal li jattendu 'Year 1, Year 2 fiċ-ċentru tal-I.T. tal-Kunsill stess.

5.4c. Is-Sinjura Sultana ippreżentat 'Thank You card' lill-Kunsill kollu mingħand in-nanna tat- tifel li saret il-mixja bi ġbir ta' fondi organizzata mill-Kunsill aktar kmieni fix-Xahar ta' April 2016.

5.5d. Is-Sinjura Sultana issuġeriet li jitwaħħlu bins il-Bajja ta' Rnella li wieħed ikun jistgħa jarmi skart separat kif hemm f'bajjiet oħra madwar Malta.

5.5e. Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn jerġa jsir rapport lill-Awtoritajiet ikkonċernati rigward il-problema ta' ġrieden li hemm fix-Xatt tal-Kalkara.

Is-Seg.Eżek. kif ukoll is-Sindku spjegaw illi rapporti saru kemm il darba u in-nies ikkonċernati ġew fuq il-post u tefgħu il- valenu mhux darba jew tnejn. Ser ikun qed jerġa jsir rapport għal darb'oħra biex jitwaddab aktar valenu fejn hu possibli speċjalment fl-ispieri tal-inħawi.

## 5c. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Vince Bongailas, Kunsillier

5.1c Is-Sur Vincent Bongailas talab li jitnaddaf / jinħasel it-taraġ ta' Triq Luigi Pisani ( it-tieni taraġ minn naħa tal-uffiċini tal-Kunsill )

## 5.d Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Pawlu Bongailas, Kunsillier

5.1d Is-Sur Bongailas għarraf il-Kunsill dwar suġġeriment ta' xi nies biex tinbidel id-data ta' l-attivita' tal-Mafkar tal-Gwerra li ssir fis-6 ta' Ġunju ta' kull sena, u tibda issir kull 24 ta' Marzu ta' kull sena, għax f'dik id-data kienu mietu l-aktar Kalkariżi fi Pjazza Sagra Familja.

Is-Sur Bruno saħaq illi meta kien issuġerixxa l-istess aktar kmieni fis-sena 2015, is- suġġeriment tiegħu ma ġiex milquħ mill-Kunsill minħabba illi r-risposta tas-Sindku kienet illi l-attivita' għandha tibqa iseħħ fis-6 ta' Ġunju għax fil- verita din id-data hija waħda globali għat-tifkira ta' dawk kollha li mietu fil-lokal.

Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tfittex fil- minuti tas-seduti preċedenti jekk kienx hemm xi punt fuq dan ir- rigward, ħalli terġa issir diskussjoni.

5.2d Is-Sur Pawlu Bongailas talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jitwaħħlu tabelli in-naħa ta' l-ex Rnella Housing Estate ( bejn Blokki A u B, B u Ċ) jimmarkaw li l- karozzi għandhom jipparkjaw bl-'exhaust pipe' il- barra.

Il-Kunsill qabel unanimament biex jitwaħħlu dawn it-tabelli f'dawn l-inħawi.

5.3d. Is-Sur Pawlu Bongailas talab li jitnaddaf it-taraġ ta' Triq San Ġużepp

5.4d. Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq li hemm bżonn li l- Kunsill jitkellem b'mod amikevoli lill persuna li tgħati jieklu l- qtates fi Pjazza Sagra Familja biex issib post alternattiv fejn titmaħħom minħabba ħafna ilmenti tan-nies fuq il-ħmieg u in-nemus li jiġi għal- istess ikel tal- qtates speċjalment fis-sħana fil- perjodu tas-sajf.

5.5d. Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq li hemm bżonn issir bandiera ġdida tal-Kunsill minħabba illi dik preżenti hija kollha imqatta.

Is-Sur Pawlu Bongailas ġie mitlub mis-Seg.Eżek. iġib 3 kwotazzjonijiet għat tfassil ta' bandiera ġdida kif suppost.

5.6d. Is-Sur Pawlu Bongailas talab lill-Kunsill l-approvazzjoni biex jingħata rikonoxximent f'Jum il-Kalkara 2016 lil tifel mill- lokal li ħa titlu ta' student eżemplari fl-iskola Sekondarja għal għajnuna li jgħati lil sħabu ta' l-iskola.

5.7d. Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa min ser ikun qed jieħu ħsieb l-ordni tal-fjuri / kuruni li jingħataw fil-festa bħal kull sena.

Il-Kunsill qabel illi is-Sindku ser tkun qed tieħu ħsieb il- kuruni filwaqt li s-Sur Pawlu Bongailas ser ikun qed jieħu ħsieb l-ordni tal-bukket ta' San Ġużepp.

5.8d Is-Sur Pawlu Bongailas ippreżenta kopja ta' kummenti fuq il-paġna ta' 'Facebook', 'Made in Kalkara' rigward aċċident li sar aktar kmieni dan ix-xahar.

Is-Sur Pawlu Bongailas wera id- diżappunt tiegħu għar rigward li Kunsillier partikolari tal-Kalkara kien għamel 'like' u 'share' ta' dawn il- kummenti negattivi fuq il-Kunsill, kif ukoll staqsa jekk dawn il-kummenti humiex ser jiġu imwieġba fuq din il-paġna peres li mhijiex il-paġna uffiċjali tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament għal darb'oħra illi l-Kunsill mhuwiex fid-dover li jwieġeb kummenti fuq din il-paġna minħabba li mhijiex il-paġna uffiċjali tal-Kunsill.

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 6.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7 Aġġornament

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2016 fis-2:00 p.m.

**IFFIRMATA**
***Speranza Chircop***
*Sindku*

**IFFIRMATA**
***Elaine Caruana***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 26/05/2016

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara